MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 502/2011

**Appell Nru. 502/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Arthur Mercieca)**
**Vs**
**David Ellul**

**Illum 17 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 253949(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Settembru, 2011, ghall-habta ta' 12.10 hrs, waqt li kien gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta
1. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju;
2. fl-istess data, lok u hin insulenta lil PS 647 I. Chetcuti u lil PC 164 L. Borg bil-kliem "Hallelin tal-pajjiz",

persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijiethom u minhabba il-qadi ta' dmirijiethom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-16 ta' Novembru, 2011, li biha lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi
a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u
b) tirrevokaha u thassaraha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni
c) minflok issibu hati tat-tieni imputazzjoni u tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi. Ghalhekk l-esponent qed jappella fit-termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kodici Kriminali.

Jigi umilment sottomess li l-argument kollu espost mill-Qorti ma jinterpretax korrettament id-disposizzjonijiet tal-ligi, in kwantu l-fatti esposti fil-komparixxi u dawk rizultanti fil-provi jikkombacu u fihom l-ingredjenti ta' dan ir-reat partikolari, menti fid-decizjoni tal-Qorti jirrizulta li l-istess fatti msemmija fil-komparixxi u esposti mill-provi prodotti ma jikostitwux ir-reat de quo minhabba li skond l-istess Qorti dawn kienu rimostrazzjonijiet li jistghu jsiru sakemm jinzammu fil-limiti accettabbli u jsiru f'termini generici. Bid-dovut rigward din hija interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi ukoll peress li tali konkluzjoni waslet ghall-liberazzjoni tal-imputat. Dan qed jinghad ghar-ragunijiet segwenti :-

It-tieni imputazzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali liema artikolu jitratta l-ingurji kontra ufficjali pubblici waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Illi huwa pacifiku li dan id-diskors "Hallelin tal-pajjiz" intqal mill-imputat fil-konfront tal-ufficjali pubblici PS 647 u PS 164. Bid-dovut rispett, dawn il-kliem mistqarra fil-kuntest partikolari u rivolti lejn ufficjali pubblici jikostitwixxu precizament reat ta' ingurja kontra ufficjali pubblici skond l-artikolu 95. Dan ukoll skond il-gurisprudenza mhux biss dik lokali izda ukoll dik Taljana fuq il-materja. Hekk per ezempju l-Padovani, fix-xoghol tieghu Le Fonti del Diritto Italiano, Codice Penale fil-paragrafu numru 3, pagna 3546, jghid is-segwenti fuq it-tifsira tal-ingurja :-
*"La condotta materiale concretante il reato si realizza con qualsiasi manifestazione di disprezzo o disistima, purche avvenuta alla presenza dell'offeso ...*

*La natura offensiva dell-espressione puo essere ritenuta anche solamente in relazione a specifiche qualita personali dell'soggetto passivo (Antolisei, PS I 14 197), pur se risulta pacifico che non ha rilievo la particolare suscettibilita` della persona offesa dovendo, la lesione del bene giuridico, essere considerate in termini oggettivi, comunque il significato offensive di una frase va valutato in relazione al contesto in cui e pronunciata .....*

*Per valutare se l'espressione utilizzata e idonea a ledere il bene protetto dalla norma incriminatrice occore fare a riferimento ad un criterio di media convenzionale in rapporto alla personalita dell'offeso e del offensore nonche al contesto nel quale detta espressione sia stata pronunciata e dalla coscienza sociale ....*

*La persona offesa, per parte sua, deve non solo essere presente ma deve anche aver percepito l'inguria e secondo taluna (Spasari, 24, 484; contra Manzini VIII 532) averne compreso la valenza offensive".*

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmienja (8) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) l-appellat ipparkja l-karozza tieghu f'"tow

zone area” gewwa l-ajruport ta’ Malta. PS 647 Ivan Chetcuti u PC 164 Louis Borg kienu gewwa l-ajruport u nnutaw ringiela ta’ karozzi illi kienu f’dan it-“tow zone area” u li kienu unattended u ghalhekk bdew hergin it-tahrikiet lill-vetturi kollha li kien hemm fl-inhawi. Meta l-imputat hareg minn gewwa l-bini tal-ajruport huwa avvicina liz-zewg kuntistabbli u beda jilmenta dwar it-tahrikiet illi saru. Hawnhekk kien irrabjat u beda jghajjat u jindirizza lil dawn iz-zewg pulizija bhala “hallelin tal-pajjiz.” U ghalhekk hargu dawn il-proceduri.

L-ewwel Qorti illiberat lill-imputat minn kull htija u piena il ghaliex irriteniet, “trattandosi ta’ rimostrazzjoni li fil-fehma tal-Qorti hu intitolat li ssir minn kulhadd, sakemm tinzamm fil-limiti accettabbli; billi fil-fehma taghha l-imputat irrimostra f’termini generici.”

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk interpona l-appell.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti taqbel mal-argumenti tal-Avukat Generali. Jibda biex jinghad li l-imputat ma indirizzax f’termini generici imma specifikament liz-zewg pulizija illi kienu quddiemu u cioé PS 647 Ivan Chetcuti u PC 164 Louis Borg. Lil dawn indirizzahom direttament u qallhom illi kienu “hallelin tal-pajjiz.” Dawn iz-zewg pulizija ma kienu qed jaghmlu xejn hlief illi jaqdu d-dmirijiet taghhom fl-isfond tal-kontravvenzjonijiet illi rrizulta quddiemhom. It-tieninett mhuwiex mistenni mill-pubbliku in generali illi jindirizzaw lill-pulizija illi jkun qed jaqdu d-doveri taghhom b’dak il-mod. Jekk xi hadd ikun hassu offiz bit-ticket illi jkun ircieva, allura f’dan il-kaz ghandu d-dritt kollu illi jikkontesta dik it-tahrika quddiem it-Tribunal koncernat izda mhux illi jinsulenta lil min ikun qieghed jaqdi d-doveri tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti thoss illi l-appell tal-Avukat Generali huwa gustifikat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u tirrevokaha u thassarha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni u minflok issibu hati ta’ din it-tieni imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-appellat ghall-mula ta’ erba’ mitt ewro (€ 400).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------